A.L. 22 ta' l-1991

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-30 ta' Jannar, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tal-Marsa, limiti tal-Marsa, tal-kejl ta' madwar 1146.17 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofsinhar u Punent ma' toroq pubbliċi, delineata bl-aħmar u markata "C" fuq L.D. 95/90.

(2) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tal-Girgħien, limiti ta' Birżebbuġa, tal-kejl ta' madwar 534 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u Punent ma' triq pubblika u minn Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar fuq L.D. 292/90.

(3) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Triq Ta' l-Ibraġ, limiti ta' St. Andrews, tal-kejl ta' madwar 140 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Emanuel Zammit, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 190/90 (Rural Tenement No. 82117 u Kuntratt Nru. 338/90 kif tranżunt fl-atti tan-Nutar V. Miceli fit-12 ta' Diċembru, 1990).

(4) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal-Farruġ, limiti ta' Ħal-Luqa:—

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,588 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Nofsinhar u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "A" fuq L.D. 359/90 u li tinkorpora Plot Nri. 89 sa 96 (Government Property No. 16561, 16569, 16571, 16575, 16581, 16583, 16588 u 16591);

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,011 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Nofsinhar u Grigal ma proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 359/90 u li tinkorpora Plot Nri. 97 sa 112 (Government Property No. 16561, 16569, 16571, 16575, 16583, 16581, 16588 u 16591).

(5) Id-dar bin-numru 17, Triq il-Gardenja, Santa Luċija.

(6) Id-dar bin-numru 18, Triq id-Dejl, Għaxaq.

(7) Id-dar bin-numru 8, Qasam tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, Triq Sannat, Victoria, Għawdex. (Rural Tenement No. 50286).

(8) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tas-Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, tal-kejl ta' madwar 175 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Christopher Mercieca, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Pollacco u mix-Xlokk ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar fuq L.D. 223/90 (Kuntratt Nru. 120/88 kif tranżunt fl-atti tan-Nutar V. Miceli fit-18 ta' Mejju, 1988).